41998Y0715(01)

15.7.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* C 220/1

# PATT TA' QABEL L-ADEŻJONI BEJN L-ISTATI MEMBRI TA' L-UNJONI EWOPEA U L-PAJJIŻI APPLIKANTI TA' L-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U ĊIPRU DWAR IL-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA

*(Test approvat mill-Kunsill ĠAI fit-28 ta' Mejju 1998)*

(98/C 220/01)

Aħna, il-Ministri tal-Ġustizzja u l-Intern ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, li naġixxu fil-kapaċità tagħna ta' Membri tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, f'assoċjazzjoni shiħa mal-Kummissjoni,

u

Aħna, il-Ministri tal-Ġustizzja u l-Intern tal-pajjiżi applikanti ta'l-Ewropa Ċentrali u Lvant, inklużi l-Istati Baltiċi, u Ċipru, ta' l-ewwel minn hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri ta' l-UE" u ta' l-aħħar minn hawn iżjed 'il quddiem msejħa bħala "CCEEs u Ċipru",

WARA LI LTQAJNA fi Brussel fit-28 ta' Mejju, 1998,

WARA LI KKUNSIDRAJNA l-pjan ta' azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-kriminalità organizzata, approvat mill-Kunsill Ewropew f'Amsterdam f'Ġunju ta' l-1997 [1], u b'mod partikolari r-Rakommandazzjoni Nru 3 tiegħu,

NENFASIZZAW ir-rabta komuni tagħna mad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u r-regola tal-liġi u konxji li l-kriminalità organizzata tikkostitwixxi theddida serja lil dawn il-valuri għaliex tippenetra, tikkontamina u tikkorrompi l-istruttura tal-gvernijiet, negozji kummerċjali leġittimi u finanzjarji u s-soċjetà fil-livelli kollha,

NIRRIKONOXXU li ta' l-inqas l-elementi li ġejjin huma meħtieġa għall-koperazzjoni effettiva għall-infurzar tal-liġi u koperazzjoni ġudizzjarja, kemm fil-livell nazzjonali u fil-livell internazzjonali:

— amministrazzjoni tal-pulizija strutturata b'mod effiċjenti, bil-poteri ta' azzjoni, staff imħarreġ u tagħmir tekniku meħtieġ għall-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità,

— sistema ta' ġustizzja awtorizzata b'mod xieraq li taħdem fuq bażi ta' standards sostantivi u proċedurali moderni,

— bażijiet legali sodisfaċenti għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u applikazzjoni konsistenti tagħhom,

— kapaċità prattika ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi sabiex jikkumbattu l-kriminalità organizzata, inklużi t-traffikar internazzjonali tad-droga u l-armi, il-konfiska tal-qligħ mill-kriminalità u l-prevenzjoni tal-money laundering,

— mezzi suffiċjenti għall-prevenzjoni fil-ġlieda kontra l-abbuż tad-droga,

— kontrolli iebsa fuq l-akkwist legali ta' l-armi,

DETERMINATI li naħdmu flimkien mill-qrib sabiex niġġieldu l-kriminalità organizzata u forom oħra ta' kriminalità serja, inklużi t-traffikar tal-bnedmin u immigrazzjoni illegali organizzata,

DETERMINATI wkoll li ntejbu l-koperazzjoni internazzjonali sabiex negħlbu l-fenomenu,

WARA LI KKUNSIDRAJNA d-Dikjarazzjoni ta' Berlin ta' Settembru 1994, il-Konferenza Ministerjali Dinjija tal-Ġnus Magħquda dwar il-Kriminalità Transnazzjonali Organizzata f'Novembru ta' l-1994, għall-40

[1] ĠU C 251, tal-15.8.1997, pġ. 1.

rakommandazzjoni tal-G7/P8 sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata transnazzjonali tat-12 ta' April 1996, il-25 rakommandazzjoni tal-G7/P8 tal-Konferenza Ministerjali dwar it-terroriżmu tat-30 ta' Lulju 1996 u l-10 prinċipji biex tiġi miġġielda l-kriminalità marbuta mat-teknoloġija għolja approvati mill-G8 fl-10 ta' Diċembru 1997,

NIRRIKONOXXU li aħna diġà qegħdin niżviluppaw fehma komuni dwar kif għandha tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata peress li kollha kemm aħna ingħaqadna ma' ċerti strumenti internazzjonali relevanti mal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata,

WARA LI KKUNSIDRAJNA d-diskussjonijiet dwar il-kriminalità organizzata li ssir f'fora internazzjonali oħrajn, bħall-ĠM, li bħalissa qiegħda teżamina l-possibilità li tabbozza Konvenzjoni tal-ĠM dwar il-kriminalità organizzata, wara inizzjattiva tar-Repubblika tal-Polonja,

NAGĦRFU li diġà teżisti koperazzjoni bejn l-awtoritajiet tagħna u xewqana li nsaħħuha, kemm immedjatament u kemm f'perspettiva aktar fit-tul,

XEWQANA għal dan il-għan li nippreparaw patt li jagħti s-setgħa li l-koperazzjoni eżistenti tkun intensifikata waqt il-perjodu ta' qabel l-adeżjoni,

NIKKUNSIDRAW il-bżonn għal CCEEs u Ċipru biex jimplimentaw l-acquis ta' l-UE qabel nidħlu fl-Unjoni Ewropea,

HAWNHEKK NIDDIKJARAW KIF ĠEJ:

*Prinċipju 1*

Naffermaw id-determinazzjoni tagħna li nikkoperaw bis-sħiħ fil-ġlieda kontra t-tipi kollha ta' kriminalità organizzata u forom oħra ta' kriminalità serja.

*Prinċipju 2*

Ninnotaw b'sodisfazzjon li l-CCEEs u Ċipru esprimew l-intenzjoni tagħhom biex jadottaw u jimplimentaw effettivament il-Konvenzjoni Ewropea dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali ta' l-1959 kif ukoll il-konvenzjonijiet internazzjonali msemmija fir-Rakkomandazzjoni Nru 13 tal-pjan ta' azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-kriminalità organizzata. Dan se jsir mill-iktar fis possibbli, kif imniżżel fir-Rakkomandazzjoni Nru 13.

Ninnotaw li kollha kemm aħna rratifikajna ftit minn dawn l-istrumenti, il-konvenzjonijiet internazzjonali speċifikati fir-Rakkommandazzjoni Nru 13 huma li ġejjin:

— Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni, Pariġi 1957,

— It-tieni Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni, Strasburgu 1978,

— Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali, Strasburgu 1978,

— Konvenzjoni dwar il-Ħasil, Tiftix, Sekwestru u Konfiska tal-Qligħ mill-Kriminalità, Strasburgu 1990,

— Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka bejn Amministrazzjonijiet Doganali u l-Protokoll tagħha, Napli 1767 [1],

— Ftehim dwar it-Traffikar Illeċitu bil-Baħar, li jimplimenta l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda kontra t-Traffikar Illegali fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, Strasburgu, 1995,

— Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar Illegali fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, Vjenna 1988,

— Konvenzjoni Ewropea dwar it-Trażżin ta' Terroriżmu, Strasburgu 1977.

Barra minn dan, ninnotaw b'sodisfazzjoni l-intenzjoni ta CCEEs u Ċipru biex jaġixxu u jinforzaw leġislazzjoni li tagħtihom is-setgħa li jirratifikaw bl-adeżjoni tagħhom il-Konvenzjonijiet imsemmija fir-Rakommandazzjoni Nru 14 tal-pjan ta' azzjoni dwar il-kriminalità organizzata.

*Prinċipju 3*

Aħna għandna l-intenzjoni li nikkoperaw fl-iżvilupp u operazzjoni effettiva tal-korpi ta' l-infurzar tal-liġi ċentrali u dawk ġudizzjarji responsabbli għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Dawk il-korpi huma b'mod partikolari dawk kontemplati fir-Rakommandazzjonijiet Nri 1 (korpi nazzjonali ċentrali responsabbli għall-kordinazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata), 19 (punti ta' kuntatt nazzjonali ċentrali

[1] Għandu jkun innotat illi din il-konvenzjoni m'hijiex miftuħa għall-firmem mill-pajjiżi kandidati.

għall-kambju ta' informazzjoni), 10 (timijiet nazzjonali multidixxiplinari) u 21 (Netwerk Ġudizzjarju Ewropew) dwar il-pjan ta' azzjoni dwar il-kriminalità organizzata.

Skond il-qafas leġislattiv nazzjonali relevanti dawn il-korpi se jiffaċilitaw ukoll:

— koperazzjoni għall-infurzar rapidu u effiċjenti tal-liġi internazzjonali u koperazzjoni ġudizzjarja rigward il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, u

— kordinazzjoni nazzjonali tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

Aħna se ninnotifikaw lill-punti ta' kuntatt nazzjonali stabbiliti skond ir-Rakommandazzjoni Nru 19 tal-pjan ta' azzjoni lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li se jiċċirkolaw informazzjoni dwarhom lil kull min hu konċernat.

Konxji tal-fatt li l-kordinazzjoni ta' investigazzjonijiet kriminali huwa essenzjali għall-kisba ta' suċċess fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata nikkunsidraw, waqt li nirrispettaw bis-sħiħ l-istrutturi kostituzzjonali ta' kull wieħed mill-Istati tagħna, li huwa rakkomandabbli li nikkunsidraw l-istabbilizzazzjoni ta' timijiet integrati multidixxiplinari f'livell nazzjonali kif imniżżel fir-Rakkomandazzjoni Nru 20 tal-pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Aħna intenzjonati li norganizzaw laqgħat bejn dawn it-timijiet minn żmien għal żmien sabiex niddiskutu strateġiji u azzjonijiet komuni, megħjuna mill-Europol kif xieraq.

Naqblu li u niżviluppaw, bl-għajnuna tal-Europol, strateġija annwali komuni sabiex nidentifikaw l-aktar theddid serju fir-rigward tal-kriminalità organizzata, komuni għalina kollha. Għal dak il-għan, kull Presidenza tal-Kunsill se torganizza laqgħat sabiex niżviluppaw u nirrevedu din l-istrateġija annwali li tkun tista' tinbena b'utilità fuq l-esperjenzi tar-rapport annwali dwar il-kriminalità organizzata ta' l-Unjoni Ewropea. Is-CCEEs u Ċipru huma lesti li jirrispondu l-kwestjonarju żviluppat għal dak il-għan mill-Unjoni Ewropea u se jkunu infurmati b'mod xieraq dwar ix-xogħol tal-kuntratt u n-netwerk ta' appoġġ tal-Kunsill u x-xogħol ta' l-Europol.

*Prinċipju 4*

Ninsistu dwar l-importanza li nikkoperaw mill-qrib fi kwistjonijiet rigward kambju rapidu u effiċjenti ta' informazzjoni għall-għanijiet ta' investigazzjonijiet u assistenza legali reċiproka kif ukoll fil-qasam ta' appoġġ operattiv u investigattiv.

Is-CCEEs u Ċipru se jikkunsidraw li jistabbilixxu punti ta' kuntatt ta' koperazzjoni ġudizzjarja sabiex jiffaċilitaw il-koperazzjoni ġudizzjarja kemm bejniethom u ma' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea bi ħsieb għall-inkorporazzjoni gradwali tagħhom fin-netwerk ta' l-Unjoni Ewropea.

*Prinċipju 5*

Nagħtu importanza kbira għall-kambju reċiproku ta' intelliġenza dwar l-infurzar tal-liġi, filwaqt li nissalvagwardjaw il-protezzjoni tad-data rigward l-individwi. Il-kambju ta' intelliġenza m'għandux isir biss bħala parti minn kambju ta' informazzjoni bl-iskop ta' investigazzjonijiet iżda anke għall-għan li tinġabar u titqassam informazzjoni għall-iżvilupp ta' strateġiji fit-tul.

Aħna konxji dwar l-importanza li tinġabar informazzjoni dwar gruppi krimnali u fejn jinsabu sabiex nissapportjaw analiżi effettiva.

Nenfasizzaw l-importanza li niżguraw li kull kambju ta' informazzjoni huwa skond ir-regoli eżistenti rigward protezzjoni ta' data, speċjalment mal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individwi dwar l-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali tat-28 ta' Jannar 1981. Ninnotaw b'sodisfazzjon li l-intenzjoni tas-CCEEs u Ċipru li jirratifikaw dik il-Konvenzjoni kemm jista' jkun malajr, jekk għadhom m'għamlux dan.

Nenfasizzaw il-bżonn li nagħtu l-akbar protezzjoni possibbli lil informazzjoni sensittiva li nirċievu minn pajjiżi oħra. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull wieħed mill-Istati tagħna huma mistiedna li javżaw lil xulxin dwar ħtiġijiet li jirrigwardaw l-iżvelar ta' informazzjoni fil-kors ta' proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi u li jiddiskutu bil-quddiem id-diffikultajiet potenzjali li jitqajmu minn dawk il-ħtiġijiet. F'dan il-kuntest, nikkunsidraw li Stat trasmittenti għandu jkun kapaċi li jimponi kondizzjonijiet li jridu jiġu osservati mill-Istat riċevitur għall-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva qabel jiddeċiedi għandux jittrasmettiha.

*Prinċipju 6*

Nikkunsidraw li l-appoġġ prattiku reċiproku għall-investigazzjonijiet u operazzjonijiet huwa ta' importanza maġġura.

L-appoġġ prattiku reċiproku jista' jinkludi:

— assistenza għat-taħriġ u tagħmir,

— attivitajiet investigattivi konġunti u operazzjonijiet speċjali, appoġġjati mill-Europol kif xieraq,

— tħaffif ta' koperazzjoni ta' infurzar tal-liġi u koperazzjoni ġudizzjarja bejn il-fruntieri safejn għandhom x'jaqsmu investigazzjonijiet fit-tul u operazzjonijiet fil-qasir, speċjalment bi proċessar rapidu ta' l-applikazzjonijiet relevanti u appoġġ loġistiku b'konnessjoni ma' koperazzjoni bejn il-fruntieri;

— kambju reċiproku ta' uffiċjali ta' l-infurzar tal-liġi u awtoritajiet ġudizzjarji għal skemi ta' taħrig fi ħdan il-qafas ta' investigazzjonijiet rigward il-pajjiżi tagħna.

Nenfasizzaw ir-relevanza u effettività ta' metodi ta' teknika bħal sorvelljanza elettronika, operazzjonijiet undercover u kunsinni kontrollati. Għandna l-ħsieb li niffaċilitaw il-koperazzjoni internazzjonali f'dawn l-oqsma, billi ninnutaw bis-sħiħ l-implikazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

*Prinċipju 7*

Nagħtu importanza kbira lil proġetti konġunti ta' infurzar tal-liġi bi- jew multilaterali. Din il-forma ta' koperazzjoni għandha tkun stinkata speċjalment f'dawk l-oqsma ta' kriminalità organizzata li joħolqu problemi bejn il-fruntieri, u għandha tkun magħmula fuq l-approċċ abbażi ta' proġett approvat mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fil-laqgħa tiegħu fl-4 ta' Diċembru 1997.

Aħna konxji tal-bżonn, safejn hu meħtieġ u skond ir-riżoluzzjonijiet relevanti tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, sabiex jiġu stabbiliti u implimentati programmi ta' protezzjoni għax-xhieda u għal dawk l-individwi li jikkoperaw mal-proċess ġudizzjarju, u sabiex nassistu lil xulxin għal dan il-għan, b'mod partikolari billi nippermettu għall-possibbiltà li naċċettaw, bi ftehim komuni, il-persuni msemmijin hawn fuq fil-pajjiżi tagħna.

*Prinċipju 8*

Nenfasizzaw l-importanza tal-Europol bħala kanal għall-informazzjoni u f'termini li nfornu l-ħila analitika u nagħtu appoġġ operattiv anke, tul medda ta' żmien, lis-CCEEs u liċ-Ċipru.

B'hekk, is-CCEEs u Ċipru jaħsbu sabiex jagħmlu l-preparamenti meħtieġa kemm jista' jkun malajr li jkunu jistgħu jagħtuhom is-setgħa li jaċċedu għall-Konvenzjoni Europol fiż-żmien ta' adeżjoni u li jwaqqfu l-unitajiet nazzjonali meħtieġa.

Ninnotaw b'sodisfazzjon li s-CCEEs u Ċipru diġà qegħdin jagħmlu kuntatti preliminari ta' l-Unità tad-Droga tal-Europol u ninkoraġġixxu tali kuntatti; u, ladarba tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni Europol, li huma intenzjonati li jibdew il-preparamenti għall-ftehim formali wara l-adozzjani ta' dan il-patt, speċjalment dwar li jpoġġu Uffiċjali ta' Koperazzjoni f'The Hague. Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni jaħsbu li jassistu s-CCEEs u Ċipru sabiex jibdew iwaqqfu l-unitajiet nazzjonali meħtieġa u jippromwovu l-għoti ta' fondi permezz programmi xierqa tal-Komunità skond ir-regoli li japplikaw lilhom.

*Prinċipju 9*

Sabiex nipprovdu veloċità u effettività fl-esekuzzjoni ta' ittri rogatorji u talbiet ġudizzjarji oħra, innutajna b'sodisfazzjon l-entużjażmu tas-CCEEs u Ċipru li jagħmlu stqarrija ta' prattiċi tajbin skond l-Azzjoni Konġunta dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali [1] adottati mill-Kunsill fid-29 ta' Ġunju 1998.

*Prinċipju 10*

Sabiex nipprevenu lil min jagħmel ir-reati milli jibbenefika minn differenzi fid-diversi sistemi legali tagħna li jistgħu joħolqu postijiet għal kenn sikuri, nenfasizzaw l-importanza ta' ratifikazzjoni kmieni tal-Konvenzjonijiet dwar l-Estradizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-1995 u l-1996, magħmula fi ħdan il-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, u, ta' leġislazzjoni tal-CCEEs u Ċipru li tkun tagħtihom is-setgħa li jaċċedu għal dawn il-konvenzjonijiet sażżmien ta' adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Filwaqt li nagħmlu dan, nesprimu l-intenzjoni tagħna li nużaw mill-inqas opportunitajiet għar-riservi possibbli offruti minn dawk il-konvenzjonijiet. Niżguraw applikazzjoni effiċjenti tal-prinċipju ta' "aut dedere, aut iudicare".

*Prinċipju 11*

L-opportunitajiet offruti mill-programmi differenti bħalma huma l-programmi Phare u MEDA u l-programmi relevanti speċifiċi filqasam tal-ġustizzja u l-intern bħalma huma OISIN, Grotius, STOP, Odysseus u Flacome, għandhom ikunu esplorati aktar għalluffiċjali ta' l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji. B'mod partikolari, it-taħriġ għandu jkun stimulat, bil-ħsieb li jinkiseb għarfien sħiħ tal-kriminalità organizzata kif ukoll stima u titjib tal-modi użati sabiex jintgħelbu. Għat-taħriġ, jista' jsir użu minn moduli relevanti ta' taħriġ bħalma huma dawk żviluppati mill-Assoċjazzjoni ta' Kulleġġi tal-Pulizija (AEPC).

*Prinċipju 12*

Nikkunsidraw li l-korruzzjoni hija waħda mit-theddid maġġuri lissoċjetajiet tagħna, tiffrodi kemm liċ-ċittadini u lill-istituzzjonijiet privati u pubbliċi. Aħna għalhekk nenfasizzaw il-bżonn li niżviluppaw b'mod komuni politika komprensiva kontra l-korruzzjoni fil-forom kollha tagħha. Għal dak il-għan, aħna ser norganizzaw konsultazzjonijiet regolari mal-korpi relevanti

[1] ĠU L 191, tas-7.7.1998, pġ. 1.

tal-Kunsill u l-Kummissjoni meta dawn il-politiki jiġu żviluppati, u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ser jistinkaw sabiex jassoċjaw lil-CCEEs u lil Ċipru b'dan l-isforz.

*Prinċipju 13*

Naqblu li għall-għanijiet tal-ġlieda kontra l-money laundering għandu jkun hemm implimentazzjoni sħiħa ta' l-40 rakkomandazzjoni ta' l-FATF, id-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' money laundering [1] u l-Konvenzjoni ta' l-1990 dwar il-Ħasil, Tiftix, Sekwestru u Konfiska tal-Qligħ mill-Kriminalità.

Aħna nesprimu l-intenzjoni tagħna li nwaqqfu, jekk għadna m'għamilniex dan, f'livell nazzjonali, unitajiet ta' intelliġenza finanzjarja skond id-definizzjoni tal-Grupp Egmont, li tkun Aġenzija ċentrali, nazzjonali responsabbli li jirċievi (u, skond il-permess, jitlob), janalizza u jxerred lill-awtoritajiet kompetenti, żvelar ta' informazzjoni finanzjarja:

(i) fejn jikkonċerna qligħ suspettat li ġej mill-kriminalità;

(ii) meħtieġ mil-leġislazzjoni jew regolament nazzjonali, sabiex jikkumbatti l-money laundering.'

*Prinċipju 14*

Sabiex tittejjeb il-koperazzjoni eżistenti bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-CCEEs u Ċipru, għandna nagħmlu l-aħjar użu mill-uffiċjali ta' koperazzjoni u maġistrati ta' koperazzjoni tagħna u nenfasizzaw ix-xewqa li nestendu dawk l-arranġamenti.

*Prinċipju 15*

Ser nafdaw l-implimentazzjoni ta' dan il-patt, kif imniżżel fil-prinċipji mwaqqfa hawn fuq, lill-grupp magħmul minn esperti mill-Istati kollha li qegħdin jipparteċipaw f'dan il-patt. L-implimentazzjoni ser tkun ibbażata fuq l-elementi ewlenin li ġejjin:

— jittieħed bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-pjan ta' azzjoni dwar il-kriminalità organizzata ta' l-Unjoni Ewropea, li jaħdem sabiex jidentifika u jopponi t-theddida imposta mill-kriminalità organizzata internazzjonali,

— kontroll u evalwazzjoni regolari ta' l-iżviluppi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, f'kull wieħed mill-pajjiżi tagħna u d-definizzjoni, kif xierqa, tal-prioritajiet applikabbli għal kull pajjiż. Dan il-kontroll u evalwazzjoni ser ikunu magħmula fuq evalwazzjonijiet kollettivi magħmula mill-esperti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-qafas wiesgħa tal-ġustizzja u l-intern tal-proċess ta' tkabbir,

— l-ippjanar, l-esekuzzjoni u l-evalwazzjoni konġunta ta' proġetti, bl-involviment ta' l-Europol kif xieraq, kontra l-kriminalità organizzata bi ħsieb, inter alia, li jiġu identifikati żoni fejn l-assistenza teknika u finanzjarja tgħin għall-preparazzjoni tas-CCEEs u Ċipru għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Brussel, it-28 ta' Mejju, 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. STRAW

[1] ĠU L 166, tat-28.6.1999, pġ. 77.